



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Diċembru 2014
(OR. en)

16941/14

ENV 998

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	12 ta' Diċembru 2014
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D036234/02
Suġġett:	DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI .../.../UE ta' XXX li temenda l-Anness II tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskart u li tħassar ċertu Direttivi

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument D036234/02.

Mehmuż: D036234/02



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
D036234/02
[...](2014) **XXX** draft

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI .../.../UE

ta' **XXX**

**li temenda l-Anness II tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar l-iskart u li tħassar ċertu Direttivi**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI .../.../UE

ta' **XXX**

**li temenda l-Anness II tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar l-iskart u li tħassar ċertu Direttivi**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi u b'mod partikolari l-Artikolu 38(1) tagħha,

Billi:

- (1) L-Anness II tad-Direttiva 2008/98/KE jistabbilixxi lista mhux eżawrjenti ta' operazzjonijiet tal-irkupru.
- (2) L-operazzjoni R1 fl-Anness II tapplika għall-iskart li jissostitwixxi l-fjuwil jew mezz oħra li jiġġeneraw l-enerġija. Fost dawn hemm il-faċilitajiet ta' inċinerazzjoni maħsuba għall-ipproċessar tal-iskart solidu municiipali iżda meta l-effiċjenza enerġetika tagħhom tkun tissodisfa l-limitu stabbilit bil-formula tal-effiċjenza enerġetika (il-formula R1) imsemmija fl-Anness II.
- (3) Minn evidenza teknika joħroġ fid-dieher li l-kundizzjonijiet klimatiċi lokali fl-Unjoni jinfluwenzaw l-ammonti ta' enerġija li jistgħu jintużaw jew jiġu prodotti teknikament fil-forma ta' elettriku, tisħin, tkessiħ jew ipproċessar tal-fwar minn faċilitajiet ta' inċinerazzjoni dedikati għall-ipproċessar tal-iskart solidu municiipali.
- (4) Rapport taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea juri li biex jinkisbu kundizzjonijiet ekwi fl-Unjoni hu raġonevoli li jiġu kumpensati l-faċilitajiet ta' inċinerazzjoni affettwati mill-impatt ta' kundizzjonijiet klimatiċi lokali b'fattur tal-korrezzjoni klimatika (CCF) applikabbli għall-formula R1. Dan il-fattur għandu jiġi bbażat fuq id-dokument ta' referenza dwar l-Aqwa Tekniki Disponibbli għall-inċinerazzjoni tal-iskart.
- (5) Bl-applikazzjoni ta' CCF, xi installazzjonijiet ta' inċinerazzjoni tal-iskart jissodisfaw il-limitu tal-formula R1 u allura awtomatikament isiru faċilitajiet ta' inċinerazzjoni tal-irkupru. Minkejja dan kollu, l-applikazzjoni ta' fattur ta' korrezzjoni bħal dan għandu jibqa' inċentiv għall-impjanti tal-inċinerazzjoni biex tinkiseb effiċjenza għolja fil-produzzjoni tal-enerġija mill-iskart f'konformità mal-għanijiet u l-ġerarkija tal-iskart stabbilita fid-Direttiva 2008/98/KE.

- (6) Is-CCF applikabbli għall-formula R1 għandu jiġi bbażat fuq il-kundizzjonijiet klimatiċi fil-post tal-faċilità tal-inċinerazzjoni.
- (7) Għalhekk id-Direttiva 2008/98/KE għandha tiġi emendata skont dan.
- (8) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 39 tad-Direttiva 2008/98/KE

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness II tad-Direttiva 2008/98/KE huwa emendat kif jistabbilixxi l-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-aħħar jum tat-tnax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ. Dawn għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikollhom referenza għal din id-Direttiva fil-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jkunu adottaw fil-qasam li tkopri din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER